# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tnax (12) taʼ Gunju 2017.**

**Rikors Numru 263/13 FDP**

**Malta Yacht Charters Limited**

**vs**

**Victoria Meyer**
**(ID 21166A)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-5 ta’ Settembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-kumment illi ghamlet l-intimata fuq il-grupp imsejjah ‘The Salott’ fuq is-sit socjali ta’ Facebook fit-3 ta’ Awissu 2013, talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-istess intimata thallasha danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 stante illi l-kumment ta’ l-intimata kien wiehed falz u ta’ hsara fil-konfront tas-socjeta attrici.

Ra il-kumment illi dwaru ilmentat is-socjeta rikorrenti, li tqieghed fuq il-grupp imsejjah ‘The Salott’ li jinsab fuq is-sit socjali Facebook, fejn l-intimata qalet is-segwenti:

> *today i took my visiting friend to Peter’s Pool ... he really enjoyed it and I enjoyed sitting on the rocks relaxing ... towards evening a sailing yacht - Beneteau 50 “tia buena" came in to the bay .... they were slowly motoring and towing closely some people on a rope at the back ... which is the reason why the boat caught my attention ... however, as soon as the boat left 3 patches of drainage came ....!!! immediately i called my friend out of the water... as he did not know what it was ... now he is feeling sick !! but worse of all was watching the children swim and jump in to the sea !!!... i think MYC needs to educate their charter clients better not to empty holding tanks near the shore where ppl & kids swim !!*

Ra illi fil 5 ta' Frar 2014, l-intimata ressqet tlett eccezzjonijiet, wahda ta' natura preliminari illi eventwalment giet irtirata mill-istess intimata fil 15 ta' Dicembru 2014. Iz-zewgt eccezzjonijiet l-ohra kienu fuq il-meritu fejn eccepiet illi fuq il-post tal-Facebook imkien ma ssemmiet is-socjeta Malta Yacht Charters Limited u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta intimata kienu infondati filwaqt illi sahqet ukoll li dak li kitbet l-intimata kien jikkonstitwixxi fatt li bl-ebda mod ma kien kolpit b'falsita kif allegat is-socjeta rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Galeone** moghtija fis 27 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Kaptan Angrew Agius Decelis** moghtija fis 27 ta' Ottubru 2014.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorenti fis 27 ta' Ottubru 2014 li turi l-posizzjoni tad-dghajsa 'Tia Buena' bejn it 3 u l-4 ta' Awissu 2013.

Rat ix-xhieda tal-**Kaptan Michael Gauci**, Managing Director tas-socjeta Malta Yahcts Charters Limited, sid id-dghajsa 'Tia Buena', moghtija fil 15 ta' Dicembru 2014.

Rat l-affidavit ta' **Dr Elizabeth Ganado** ippresentat fil 5 ta' Settembru 2015.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fit 30 ta' Novembru 2015.

Rat illi fit 30 ta' Novembru 2015 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet il-kontro ezami tal-Kaptan Michael Gauci moghtija fit 30 ta' Mejju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Victoria Meyer** moghtija fl-14 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Mark Galeone moghtija fit 30 ta' Jannar 2017 u fl-20 ta' Marzu 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija indikazzjonijiet ulterjuri ta' fejn kienet id-dghajsa 'Tia Buena' fit 3 ta' Awissu u 4 ta' Awissu 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami tal-Kaptan Michael Gauci moghtija fis 6 ta' April 2017 kif ukoll il-pjanti minnu esebiti illi juru l-vjagg illi ghamlet id-dghajsa 'Tia Buena' fit 3 ta' Awissu u 4 ta' Awissu 2013.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' l-intimata Victoria Meyer moghtija fis-6 ta' April 2017 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnha esebita, ossija affidavit mhux ufficjali ta' Albercht Boenecke moghtija bil-lingwa Ingliza u datata 28 ta' Novembru 2013 kif ukoll korrezzjoni ta' l-istess affidavit mhux officjali, liema korrezzjoni saret ufficjalment izda bil-lingwa tedeska.

Rat illi fis 6 ta' April 2017 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi maghluqa u ddifferita il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti da' parte tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici ppresentata fid 19 ta' Mejju 2017.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata ippresentata fid 8 ta' Gunju 2017.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti hija s-sid tad-dghajsa ta' 50 pied bl-isem ta' 'Tia Buena', liema dghajsa taghti s-servizzi taghha ta' 'chartering' fl-ibrha lokali Maltin lill kull min jirrikjedi tali servizz.
Jirrizulta illi l-intimata, tahdem bhala 'Charter consultant' mas-socjeta Sunseeker Malta, (fol 63-64) illi hija kumpannija kompetitrici tas-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi fit-3 ta' Awissu 2013, wara nofsinhar, l-intimata marret gewwa Peter's Pool, Marsaxlokk flimkien ma' persuna illi kien qieghed joqghod maghha, certa Albrecht Boenecke, sabiex dana ta' l-ahhar jinzel jghum hemmhekk.

Jirrizulta illi hija ma nizlitx tghum izda l-habib taghha nizel jghum fil-bahar.

Jirrizulta illi, mument minnhom, ghal habta tas-6 ta' filghaxija, hija lemhet dghajsa diehla fil-vicinanzi tal-bajja, liema dghajsa kienet qieghda tigbed xi persuni warajha fuq apparat appositu. Hekk kif dina d-dghajsa dahhlet vicin il-bajja, hija tellghet in-nies u, eventwalment daret biex tohrog il-barra u, hija w hierga, mid-dghajsa hareg ilma li hija ddeskrivitu bhala drenagg, u dana fil-vicin tal-habib taghha li kien qieghed jghum.

Jirrizulta illi kif rat hekk, hija minnufih ghajtet lill-habib taghha biex johrog mill-bahar, u di fatti huwa hareg minn hemm izda, ftit sieghat wara, huwa hassu hazin u ma kienx fi stat ta' sahha tajba ghal ftit jiem.

Jirrizulta illi l-intimata sahqet illi hija gharrfet il-marka tad-dghajsa, illi kienet Benetau 50, u rat l-isem tad-dghajsa, illi kienet 'Tia Buena', liema fatt kien gie lilha kkonfermat wkoll mill-istess habib taghha kien kien fil-bahar.

Jirrizulta illi dakinhar filghaxija, tant kienet irrabjata l-intimata b'dak illi kien gara, illi ghazlet illi taqsam id-dizappunt taghha fuq il-pagna bl-isem ta' "Is-Salott", illi jinsab fuq is-sit socjali Facebook, illi ghandu aktar minn 16,000 persuna bhala msiehba f'tali grupp u ghal habta tal-23.18pm, ghaddiet biex tikteb il-lanjanza taghha kontra il-bastiment 'Tia Buena" u kontra s-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta, di fatti, illi l-intimata sahqet li l-bastiment 'Tia Buena' kienet il-bastiment li, skond hi "*as soon as the boat left 3 patches of drainage came …!!*" u ghalqet l-ilment taghha billi qalet "*I think MYC needs to educate their charter clients better not to empty holding tanks near the shore where ppl & kids swim!!*"

Jirrizulta, skond l-intimata, illi ftit hin wara illi tellghet dina l-post ossija ilment taghha, hija tikkontendi li kienet f'komiunikazzjoni ma' habiba taghha u eventwalment inghatat id-dettalji tas-socjeta rikorrenti bir-rizultata illi nehhiet l-ilment minn fuq is-sit.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-ghada filghodu, Dr Elizabeth Ganado, li kienet persuna illi kienet taf is-sid tal-bastiment, ghal habta tal-11.49 tal-4 ta' Awissu 2013, rat l-ilment illi kienet qajjment l-intimata gewwa il-grupp socjali 'Is-Salott' u li kien ghadu jidher, u ghalhekk hadet ritratt ta' l-istess kumment (fol 2) u ghaddietu lill-Managing Director tas-socjeta rikorrenti, il-Kaptan Michael Gauci, sabiex huwa jkun a korrent ta' dak li kien qieghed jinghad fuq id-dghajsa tieghu.

Jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta rikorrenti kitbet lill-intimata sabiex tnehhi l-post taghha u minflok tqieghed post fejn tiskuza ruhha ta' dak illi qalet, u dana permezz ta' zewgt ittri datati 5 ta' Awissu

2013 (fol 27) u 9 ta’ Awissu 2013 (fol 29), dina baqghet inadempjenti u ghalhekk, fil-5 ta’ Settembru 2013 giet intavolata l-kawza odjerna u, fil 5 ta’ Frar 2014, l-intimata ressqet l-eccezzjonijet taghha fejn sahqet illi dak minnha allegat kien veru.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti, illi l-bastiment ‘Tia Buena’ ghandha, fost l-apparati taghha, GPS Tracking Position Device pprovdut mis-socjeta Metcoms Limited, liema apparat jaghti l-lok ezatt tal-bastiment hekk kif ikun qieghed miexi minn post ghall-iehor.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni pprovduta mis-socjeta rikorrenti, illi inghataw is-segwenti lokalizazzjonijiet tad-dghajsa:

- fit 3 ta’ Awissu 2013 fil 10.11 kienet barra il-Bajja ta’ San Gorg (fol 132)
- fit 3 ta’ Awissu 2013 fil 10.57 kienet barra il-Bajja ta’ Mellieha hdejn Slugs Bay (fol 31)
- fit 3 ta’ Awissu 2013 fil 11.57 kienet go Golden Bay (fol 32)
- fit 3 ta’ Awissu 2013 fil 18.42 kienet go Golden Bay (fol 133)
- fl 4 ta’ Awissu 2013 fil 11.22 kienet barra il-Bajja ta’ Golden Bay (fol 33)
- fl 4 ta’ Awissu 2013 fil 12.16 kienet barra minn Hondoq ir-Rummien, Ghawdex (fol 34)

Jirrizulta illi dawna l-lokalizazzjonijiet jissustanzjaw il-verzjoni moghtija mill-Kaptan Andrew Agius Delicata quddiem dina l-Qorti (fol 35), fejn huwa stqarr illi l-bastiment kien gie chartered u bejn it-3 u 4 ta’ Awissu 2013 kienet qieghda Ghajn Tuffiegha u eventwalment marret lejn Ghawdex. L-istess Kaptan Delicata insista illi huwa, f’dawk il-granet, qatt ma resaq lejn St. Peter’s Pool, kif kienet qieghda tallega l-intimata.

Jirrizulta, ghalhekk, illi bejn it-3 ta’ Awissu 2013 u l-4 ta’ Awissu 2013 il-bastiment ‘Tia Buena’ propjeta tas-socjeta rikorrenti, qatt ma resaq jew kien fil-vicinanzi ta’ St. Peter’s Pool, u wisq anqas kien gewwa l-istess St. Peter’s Pool, kif sahqet l-intimata fil-‘*post*’ taghha illi, kif stqarret hija stess, (fol 97) kienet tellghet fil-grupp ‘Is-Salott’ fit 3 ta’ Awissu 2013 filghaxija.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, ghalkemm l-intimata tinsisti li hija rat id-dghajsa Tia Buena gewwa St. Peter’s Pool fit 3 ta’ Awissu 2013, u ta’ dana hija ressqet ukoll affidavit mhux ufficjali tal-persuna illi kien maghha, ossija Albrecht Boenecke, il-Qorti ma tistax taghti piz ghal tali evidenza, peress illi l-kredibbilta’ ta’ l-intimata hija in dubju.

Jirrizulta, di fatti, illi l-intimata sahqet illi saghtejn wara illi tellghet il-post, hija kienet ipprocediet biex tnehhi l-istess post minn gewwa l-grupp socjali.

Jirrizulta, madanakollu, illi harsa lejn ir-ritratt tal-post illi hija tellghet turi illi fil 11.49am tal-gurnata **<u>wara</u>** illi tellghet tali post, l-ilment taghha illi hija kienet tellghet fit-23.19 kien ghadu hemm u kien ghadu vizibbli tant illi Dr Elizabeth Ganado ratu u hadet ritratt tieghu biex eventwalment ghaddietu lill Michael Gauci, illi kien is-sid tal-bastiment Tia Buena.

Dana il-fatt, flimkien mal-fatt illi l-intimata, ghalkemm gharrfet illi ghamlet zball tant illi nehhiet il-post inkriminanti, qatt ma ghamlet xejn biex tirrimedjah u tiskuza ruhha mal-membri kollha tal-

grupp “Is-Salott”, huwa sufficjenti biex dina l-Qorti tiddubita mill-intenzjoni illi kellha l-intimata meta tellghet tali ilment, partikolarment in vista tal-fatt illi l-intimata tahdem f’kumpannija kompetitrici tas-socjeta rikorrenti u ezatt fl-istess qasam tax-xoghol illi kienet qieghda taghmel l-bastiment ‘Tia Buena’, ossija chartering.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi lanqas haga illi setghet taghmel l-intimata hekk kif intebhet bl-izball taghha kienet illi tikteb ‘*post’* tiskuza ruhha tal-inkonvenjent minnha kkawzata. Tali ‘*post’* setghet tkun redatta fuq il-linji segwenti:

> *I make reference to allegations I made on this group on the 3rd of Augst 2013, wherein I alleged that the vessel ‘Tia Buena’ was situated in St. Peter’s Pool and discharged drainage in the water when there were swimmers around, as a result of which a friend of mine who was swminng there felt sick, and I want to tell you that I was wrong in my allegations and what to apologise to the operators of the Tia Buena and its owners, Malta Yacht Charters Limited.*
>
> *I want to re-affirm to all of you that any vessel which I may have seen there was certainly not the ‘Tia Buena’, as a result of which, I apologise officially and excuse myself for any invonvenience and loss of reputation the owners of the Tia Buena, namely Malta Yacht Charters Limited, may have suffered due to my unprofessional behaviour and action.*
>
> *Once again, I apologise to all of you as well as the owners mentioned above, for having misled you as a result of my extremely unprofessional behaviour, since losing your temper and saying bad words about others on the social media is very wrong and has to be avoided at all costs!*

Jirrizulta illi, tul it-trapass kollu ta’ dina l-kawza, l-intimata qatt ma ghamlet ebda tentattiv sabiex tiskuza ruhha pubblikament dwar dak illi hija qalet, haga illi hija setghet facilment taghmel liberament minn rajha waqt il-mori tal-kawza u li certament setghet timmilita favur taghha quddiem dina l-Qorti.

Jirrizulta wkoll illi dak allegat mill-intimata fil-post taghha, li tieghu hija assumiet ir-responsabbilta’ tal-kontenut tieghu quddiem dina l-Qorti, ma kienx minnu peress illi jirrizulta illi l-bastiment Tia Buena fil-gurnata minnha indikata ma kienetx gewwa St. Peter’s Pool.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi li wiehed jallega azzjoni u sussegwentement ma jressaq ebda prova in sostenn ta’ tali allegazzjoni ma hijiex accettabbli f’socjeta demokratika bhalma hija dik ta’ Malta, fejn il-mezzi socjali illum il-gurnata huwa l-mezz ewlieni tas-socjeta biex tottjeni informazzjoni fuq kull ma qieghed jigri fid-dinja – il-fatt illi wiehed inehhi l-allegazzjoni illi jkun ghamel fuq mezz socjali ma huwiex ser jsewwi l-hsara illi tali persuna tkun ghamlet.

In generali, dina l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-mezzi socjali, illum il-gurnata, ma ghadhomx qed jilhqu l-iskop illi ghalihom gew originalment ikkreati, ossija sabiex iqarrbu familja u hbieb u jikkreaw mezz posittiv u sabih ta’ komunikazzjoni bejn kullhadd.

Di fatti, illum il-gurnata, sfortunatament, il-mezzi socjali huma kamp ta’ gwerra virtwali mhux regolata, fejn jirrenjaw il-gideb, l-insulti w it-tghajjir, bil-konsegwenzi koroh illi dawna ghandhom

fuq il-persuni li jispiccaw fil-mira tal-attakki w il-hajja taghhom, fatt illi dina l-Qorti ma tistaq qatt tikkondona, izda tikkundanna bl-aktar mod iebes.

Fil-kaz odjern, jirrizulta ben ippruvat illi dak allegat mill-intimata fil-konfront tad-dghajsa tas-socjeta rikorrenti, ossija 'Tia Buena', ma kien minnu assolutament xejn, u tali allegazzjoni kienet falza u malafamanti fil konfront tas-socjeta rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata

**Tilqa** t-talba attrici kif dedotta, u ghalhekk,

**Tiddikjara** il-'*post*' imtella mill-intimata fit-3 ta' Awissu 2013 fil-23.18 fuq il-grupp socjali 'Is-Salott' bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tas-socjeta rikorrenti,

**Tikkundanna**, a tenur ta' l-Artikolu 20 tal-Kap 248, lill-intimata tippubblika minn fuq il-profil personali taghha ghal fuq il-grupp 'Is-Salott' fi hdan is-sit socjali Facebook, id-dikjarazzjoni redatta aktar il-fuq mill-Qorti bil-lingwa ingliza, liema post, filwaqt illi ghandha tindika li qed tigi ppubblikata b'ordni tal-Qorti, ghandha tigi ppubblikata b'mod illi tkun prekluza li terzi jistghu jikkummentaw fuqha u ma ghandhux jitnehha mill-intimata ghall-periodu ta'  mhux anqas minn tletin gurnata,

**Tikkundanna**, a tenur ta' l-Artikolu 28 (1) tal-Kap 248, lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' elfejn Euro (€2,000), in linea ta' danni rizultat tal-kumment inveritjer u malafamanti minnha mtella gewwa il-grupp 'Is-Salott' fi hdan is-sit socjali Facebook u esebit mis-socjeta rikorrenti a fol 2 tal-process.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettic ikun kollu a kariku ta' l-intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur